

# Wirja t'Arti u Kollezzjonijiet

Clayton Vella

Għat-tieni sena konsekuttiva, wara s-suċċess tal-wirja 'Arti u Artiġjanat Mellieħi' fl-2011, il-grupp taż-żgħażagħ fi ħdan l-Għaqda Mużikali Imperial ħass il-ħtieġa li terġa' tittella' wirja ġewwa s-sala tal-għaqda bit-tema 'Arti u Kollezzjonijiet'. Din is-sena d-donazzjonijiet miġbura mill-wirja marru kollha b'risq Puttinu Cares.

Il-wirja ttellgħet bejn l-20 u d-29 t'April fejn kien hemm xejn inqas minn 21 esebitur, kollha Melleħin. Ix-xogħlijiet esebiti kienu jvarjaw minn pitturi, santi reliġjużi, armamenti tal-gwerra, brieret ta' uffiċjali tal-militar ta' nazzjonijiet differenti, muniti, ħoloq tal-ħjata mpittrin ta' pajjiżi differenti, *albums* tal-futbol, bolol, kaxxi tas-sulfarini, *jokers* tal-karti tal-logħob, *biros*, ritratti tal-karozzi tal-linja antiki, tazzi tax-xorb u karozzi.

Il-wirja ġiet inawgurata mis-sindku tal-Mellieħa s-Sur Robert Cutajar u mbierka mill-Kappillan Fr Joe Caruana, nhar l-20 t'April, fejn dakinhar kienu mistiedna membri minn kull għaqda li għandna ġewwa l-Mellieħa kif ukoll rappreżentant ta' Puttinu Cares, is-Sur Simon Pace.







Minn hawnhekk nixtieq nirringrazzjah tal-attendenza tiegħu. F'din il-lejla ġie mogħti ċertifikat lil kull esebitur bħala apprezzament għas-sehem tiegħu f'din il-wirja. Nixtieq nieħu din l-opportunità biex nirringrazzja lis-Sur John Sammut, direttur ta' JDS Furniture, għall-materjal li għoġbu jislifna sabiex setgħet tiġi attrezzata s-sala u tkun tista' tittella' l-wirja. Ħajr ukoll imur lill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa.

Kif semmejt fil-bidu ta' dan l-artiklu, għall-wirja kellna 21 esebitur li ħadu sehem u dawn kienu Nicole Pace – Pitturi, Esmeria Bartolo – Pitturi, John Vic Borg – Pitturi, Joe Vella Caruana – Bolol, David Bartolo – Bolol, Charles Muscat – Bolol, Gary Gauci – Pittura, Fiona Vella Ciangura – Pitturi, Joseph Vella – Tazzi tax-xorb, Wistin Vella – *Biros*, Joseph Scicluna – ritratti tal-karozzi

tal-linja antiki, Joe Vella Caruana – *Jokers* tal-karti tal-logħob, mudelli ta' suldati, Patrick Scerri – Santi Reliġjużi, John Sammut – *Albums* tal-*World Cup*, Jimmy Muscat – Armamenti tal-Gwerra, Muniti antiki, Norbert Cini – *Helicopters*, Joe Azzopardi – Bolol, Mark Borg – Karozzi, *Euros* u karti tal-flus antiki, Maria Cini – Ħoloq tal-ħajt, David Sciberras – brieret ta' uffiċjali tal-militar, Tony Saliba – Kaxxi tas-sulfarini.

Is-somma sabiħa miġbura waqt din il-wirja kienet ta' €760 u din is-somma ġiet ippreżentata mill-grupp taż-żgħażagħ waqt l-*open week* ta' Puttinu Cares li saret bejn l-4 u s-6 ta' Mejju u li dehret *live* fuq il-mezzi tax-xandir. Dakinhar ġie ppreżentat ċekk tal-flus miġbura.



Nagħlaq dan l-artiklu billi nirringrazzja lill-esebituri kollha li ħadu sehem f'din il-wirja li mingħajr l-għajnuna u l-appoġġ tagħhom ma setgħetx tkun possibbli, lil sħabi ż-żgħażagħ tal-għajnuna u x-xogħol li għamilna flimkien bħala *team* wieħed u fl-aħħar u mhux l-inqas lil dawk kollha li ġew iżuru din il-wirja, tal-kummenti pożittivi li ħallew u tad-donazzjonijiet tagħhom b'risq Puttinu Cares.



Keep it up.

President.





Prosit tassew tal-inizzjattiva u tax-xogħol sieħi biex sibtu l-kollezzjonisti u biex armajtu b'mod tant ordnat! Auguri u ibqgħu sejrin hekk!

Glorian u Patrick Scerri